9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 6, miżmuma nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fis-6.00pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' fil-għaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**6.1 Qari ta' ittri ta' apoloġij**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija

**6.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 5**

**Laqgħa Numru 05**
Paġna 2: 5.3 Karigi tinbidel għal responsabiltajiet
Paġna 4: 5.6.2 It-tieħed Vot fuq il-mozzjoni biex il Kunsill ma jopprovax ir - rapport ta' evalwazjoni SPB T/01/2019
**Favur**: 8
**Astensjonijiet**: 5
**Kontra**: 0
Paġna 5: 5.7 It-tieħed Vot relatat ma rifuzjoni ta' spejjes zjara ufficjali f'Cipru
**Favur**: 7
**Astensjonijiet**: 0
**Kontra**: 5

Paġna 6: 5.12 jizdied *' Il-Kunsillier Carlos Zarb ippropona u Sindku is-sekonda fejn'*. Tinqata *ser tiġi* u tizdied *normalment*

Minuti approvati hekk kif emendadti.

**6.3 Punti mill-minuti**
Attivita Folk Festival
Giet rikononoxxuta ħidmet il-Vici Sindku Daryl Connor waqt attivita kulturali.
Issemmiet il-ħtiega ta' aktar involviment mill-Bord ta' l-Attivitajiet.
Fuq punt ta' kjarifika l-membru tal-Bord Anne Fenech qalet li ma kinietx prezenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill meta giet diskussa l-attivita. Irrimarkat, li ma gietx konsultata.
Il-Kunsill qabel li tinġibed l-attenzjoni tal-LESA dwar nuqqassijiet minn naha tagħhom fl-immanigjar tat-traffiku. Fuq rimarka dwar in-nuqqas ta' prezenza mill-Kunsilliera,

il-Kunsillier Paul Bugeja qajjem Point of Order, fejn insista li l-Kunsilliera ma għandhomx jigu kritikati meta ma jattendux għal xi attivita.

<u>Responsabiltajiet tal-Kunsilliera</u>
Il-Kunsill qabel ma l-aħħar dokument u għandhom jiġu anessi mal-minuti kif emendati dwar ir-responsabilitajiet tal-Kunsilliera. Id-dokumenti gie prezentat waqt il-laqgħa u tpoġġa fuq il-mejda.

<u>Applikazjoni – Vouchers għal *feeding u neutering* tal-qtates</u>
Il-Kunsill gie infurmat li ntbagħtu diversi emejls li Dipartiment ta'Animal Welfare izda ghanda ma inagħtax risposta ta' fejn waslet din l-Applikazjoni.

<u>Reklutaġġ ta' Skrivani</u>
Il- Kunsill ġie infurmat li mill l-aħħar sejħa għall-reklutagg ta skrivani min 6 li intghazlu kienu accettaw 2 biss għalhekk ġie proponut li tinħareg sejjħa ohra. Il-Kunsill qabel li jitlob permess mid-dipartiment sabiex jingaġġa ħaddiema f'rwol ta' Costumer Care.

<u>Proġett dwar bini ta' kontenituri fejn jintremew oġġetti tal-plastic.</u>
Il-Kunsill ingħata rendikont ta' laqgħa li saret ma Lecturers u Diretturi ta'MCAST dwar Proġett ta' bini ta' kontenituri fejn jintremew skart ( mhux goff) tal plastic. l- MCAST accettaw dak li propona Kunsill billi jiddisinjaw u jibnu. Il-Kunsill irid jintrabat biex jagħti exposure. Waqt il-laqgħa ġie discuss ukoll li jsirru progetti ta' landscaping b'sehem ta' l-MCAST . Ezempju propost huwa Dog Park.
Il- Kunsill qabel li jinvolvu l-istudenti u jħallas tal ispejjez ta' materja prima.

<u>Tenders Draft</u>
Il- Kunsill qabel li kopja ta' Tenders Draft għandhom ikunu accessibli fl-ufficcju tal-Kunsill.

<u>Kwotazzjoni GO</u>
Il- Kunsill qabel li jagħzel il-kwotazjoni GO li t'amonta għal 270 euro fix-xagħar.

Aparat UPS
Il-Kunsill qabel tiġi installata UPS system sabiex tilqa għal meta jkun hemm ħsarat fis-sistema ta' dawl. Il- kwotazjoni ta' 652 euro li ġiet prezentata kienet approvata.

Servizz ta tindif ta' latrini public
Is-Sindku informa li kien irceva rapport mingħand il-Kuntraturi ġodda dwar lis-stat ta' latrini pubblici. Huwa sostna li min għada l- 1 ta' Ottubru 2019 jibda is-servizz il-ġdid.

Sea Bins
Il-Kunsill gie infurmat li lokalita ser tingħata Sea Bin bla ħlas. Il-Kunsilliera responsabli informa li kien ser jattendi laqgħa ta' informazjoni u logistika dwar Sea Bins.

Open Gym
Is-Sindku propona u sekonda il- Kunsillier Mario Salerno ,li l- apparat hemm fl-Open Gym irrid jinbidel minħabba l huma mkissrin u perikoluzi. Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejjħa sabiex jinxtraw oħrajn ġodda.

**6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**
a) Applikazzjoni PA 08128/18 relatata ma zvilup f'zona ODZ. Il-Kunsill kien oġġezjona. Il-Kunsill ġie infurmat li sar Appel fuq applikazjoni PA 08128/18.

b) Applikazjoni PA/6858/19 Il-Kunsill qabel li joġġezjona fuq bazi li kien hemm bdiel fl-uzu tal-binja.

c) Is-Sindku informa li fl-Imbordin kienu twaħħlu 3 bozoz izda Enemalta qed joġġezjonaw milli jagħmlu l-wiring meħtiega. Qed is-sostnu li dawn lis-spejjes għandu jkoprihom il-Kunsill b'spiza ta' 5,330.60. Ġie maqbul li tiġi mistħarġa kemm tiġi l-ispiza jekk isiru b'energija solari.

d)Is-Sindku informa li l-Kunsill għamel talba lir-Reġun Tramuntana sabiex jiġi rimbors parti mil-ispejjes li l-Kunsill nefaq f'Triq J Quintinus

e)Grupp ta zagħzagħ qed jitolbu biex jorganizaw Bazaar/Christmas Village Charity Event f' zmien il- milied. Il-qlieħ min dan il Bazaar ser immur għal bzonnijiet tan- nies f' Kambodia. Il- Kunsill approva izda trid issir verifika li dan il grupp għandu permess jiġbor flus għal karita

f)Il- Kunsill gie nfumat li kien hemm 106 persuna l- applikaw għall-vaccine ta' l-influwenza. Il- Kunsill qabel li jintalab permess mid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex il vaccine jigi aministrat fil-Berga tal-Lokalita.

g) Is-Sindku informa lil- Kunsill dwar notifika li kien irceva il Kunsill mingħand AKL dwar applikazzjoni u permess ta' tqiegħed ta' siġġijiet u mwejjed f'33,Islet Promenade San Pawl il-Baħar. Il-permess ingħata min Awtorita ta' l-Artijiet

h) Il-Kunsill ġie infurmat li Tender Resurfacing of Roads, Patching u Footpaths ħareg.
**Tender Contracts Manager**- Ġie suġġeriet li fil Terms of Reference ta' Tender il Contracts Manager – irrid jagħmel uzu mill ufficju tal- Kunsill jaħdem minimum 40hr , jkollu esperjenza kemm fi toroq , bankini u jifhem fi tenders u construction.
**Tender Passenger Transport** – Kien hemm qbil li tintalb *minimum charge per KM* għal vjaġġi barra min San Pawl il-Baħar.
**Tender Christmas Lights Bugibba**- Il-Kunsill qabel li jerġa jinħareġ il-Lot Bugibba għalhiex is-sena ta' qabel ma kienetx intefgħat sejjħa. Il- Kunsill qabel ukoll fuq l-amount ta'budget li kellu jinħareġ għal dan it-Tender.

i) Is-Sindku informa li l-Kunsill irceva talba min Mosta Cycling Club sabiex issir telieqa bi-roti 17 ta' Novembru 2019 f' Lokalita. Il-Kunsill ma approvax it-talba għax ma kienx hemm qbil.

j)Is-Sindku informa li il- Kunsill kien irceva talba sabiex issir ġirja madwar Qawra/Bugibba f'27 ta' Ottubru 2019. Il- Kunsill approva peress li ma kienx ser ikun hemm elgħuq ta' toroq.

j) Is-Sindku informa li kien irceva kommunikazjoni mill Socjeta Muzikali San Pawl sabiex jerga itella sensiela ta' lezzjonijiet tal-muzika b'kollaborazjoni ma' Kunsill Lokali San Pawl il- Baħar. Il Socjeta se toffri l-istrumenti u post ta' tagħlim, il-Kunsill ser ikopri l-ispejjes tal-Surmast. L-ispiza finanzjarja tkun kompatabbli ma dik ta' 2018. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li toħrog sejħa pubblika għal l-istudenti.

k) Is-Sindku informa, li l-Kunsill kien ircieva rikjesta biex triq (rural road) Xifer il-Kief, limiti tal-Bidnija u l-Imselliet titranga.
Wara onsite visit li saret mis-Segretarju Ezekuttiv Ms Mariella Strout u Kunsillier Mario Salerno gie deciz li tintbaght rikjesta lill-IM biex tirranġa din it-triq li minn naha taghha din esiġiet li l-kunsill japplika għall-permessi necessarji biex dan isir.
Il-Kunsill approva

**<u>6.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**
Il Kunsilliera Graziella Galea staqsiet dwar stedina fejn l- invit li ma wasalx għand Il-Kunsilliera kollha. Is-Sindku irrisponda li mistoqsija kienet waslet f'istess gurnata ta' laqgħa madanakollu huwa sostna li l-persuna li bagħtet l-invit ma kienetx bagħtet lis-stedina lil kullħadd.

**<u>6.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –</u>**

**<u>6.6.1 Rapport ta Evalwazzjoni</u>** -
Ir-rapport ta Evalwazzjoni SPB T/01/2019 ma ġiex approvat u il-Kunsill qabel li Tender jerġa jiġi evalwat.

**<u>6.7 Item: Latrini Pubblici</u>**
Sindku informa lil Kunsill li kienu twaħlu CCTVs tal- latrini pubblici ta' Sirens biss għal issa ma hemm l-ebda konnesjoni ma l-internet.

Il-Kunsill qabel li jinħareġ Tender /Sejjħa għal servizzi u materjal sabiex issir il manutenzjoni meħtiega peress li fil-prezent hemm zewg latrini magħluqin.

**6.8 Item: Gemellaggi**

Il-Kunsill qabel li meta jintazel il pajjiz li jsirr Ġemelaġġ miegħu jintazel pajjiz li jkollu flights diretti min Malta. Il- Budget għandu jkun ta' 5000 euro

**6.9 Item: Playing Fields**

Is-Sindku gibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni li jinsabu fihom il -playing fields. Hemm bzonn li dawn jingħalqu għas-sigurta u jibda jinħadem pjan sabiex jerġew issiru mil-ġdid.
Kien hemm qbil.

**6.10 Item: Youth Exchange**

Ġie diskuss il-progamm Erasmus dwar fondi Ewropej maħsuba biex zgħazagħ jippartecipaw f'youth exchange. Ġie pproponut li toħrog sejħa pubblika u li l-age bracket tkun bejn is-16 - 21 sena.
Il-Kunsill approva

**6.11 Item: Claims**

Il-Kunsill ġie prezentat rapport ta' diveri claims ta' ħsarat min vetturi u claim waħda ta' nuccali
Il-Kunsill approva il maggoranza ta'claims għajr għal waħda fejn talb li tinbagħat ittra mil-avukat u oħra fejn kellha tintagħlab l-ircevuta.

**6.12 Item: Triq Qalb ta' Gesu Wardija**

Il- Kunsill irceva diversi ilmenti dwar l-istat ħazin li tinstab fiha it-Triq Qalb ta' Gesu fl-Wardija. Wieħed mir-residenti offra li jħallas parti mil-ħsara li hemm minħabba li parti mil- ħsarat setgħu saru min makkinarju waqt li kien qed jagħmel xogħolijiet fuq il-propjeta tiegħu. Il-Kunsill qabel li jiltaqa ma resident ħalli jiddiskuti x'interevent jista jsirr sabiex tittranga it-triq.

**6.13 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

Intalbet kjarifika re-pagament 814 u għaliex it-tipping fees qedin jitħallsu bil-quddiem.
Ingibdet l-attenzjoni li l-Kunsilliera Graziella Galea, Ant.Bezziena u Anthony Delia kienu vvutaw kontra rigward pagamenti 759 u 760.
Il-Kunsilliera Graziella Galea astjeniet fuq il-pagamenti 801 u 801a.
Il-pagamenti gew approvati hlief 814 li trid tinghata verifika dwaru.

**6.14 Item: Affarijiet oħra**

Il-Kunsill gie nfurmat li sar tranġar ta' bankina perikoluza fi triq San Pawl il-Baħar qrib fejn kienet il-posta.
Il-Kunsill approva xiri ta' servizz ta' Surveyor biex jgħin jigu identifikati siti għal kontenituri ta' l-iskart taħt l-art.

**6.15 Aggornament ghall-laqgħa li jmiss**
**30 ta' October 2019**

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ______________ | _________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |